bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Walter Spiteri)
vs
Grazio Teuma, iben
Carmel, imwieled
Ħal-Għaxaq fis-7 ta'
settembru, 1954

Illum, 13 ta' frar, 2001

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat talli fil-perjodu ta' bejn il-15 ta' frar, 1996 u l-4 ta' diċembru, 1998, ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' kellhu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' l-elettriku, tal-kwalita' meħuda jew ikkunsmata, ikkometta serq ta' dawl tal-elettriku mill-fond St. Catherine, Triq l-Isqof Zahra, Żejtun fl-ammont ta' mija tnejn u ħamsin liri maltin u ċentesimu (Lm152.01) bħala detentur tal-fond jew il-persuna li għandha l-fond imsemmi, fejn instabu dawn il-mezzi qarrieqa, għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta u liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-ħin u bl-ammont,
Il-Qorti ġiet mitluba li barra milli tagħti l-piena stabbilita mill-Liġi tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż ta' l-esperti maħtura mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' frar, 2001 fejn ir-rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta nforma l-Qorti li l-imputat qed iħallas l-ammont mitlub.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' frar, 2001 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 264, 267, 270 u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Inoltre, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta' Lm50.66 spejjeż inkorsi fil-ħatra tal-esperti.